370

# RIZOLUZZJONI DWAR TRASFERIMENT TA' PROPRJETA'

**IS-SEGRETARJU PARLAMENTARI RESPONSABBLI MILL-IPPJANAR U S-SIMPLIFIKAZZJONI AMMINISTRATTIVA FL-UFFICCJU TAL-PRIM MINISTRU** jipproponi l-Kamra tad-Deputati tapprova din-Rizoluzzjoni:-

Billi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli datat 22 ta' Gunju, 1989 il-Gvern ta' Malta kien ikkonceda a favur il-Foundation for the Rehabilitation of Drug Abusers b'titolu ta' enfitewsi temporanja dekorribbli mit-22/06/1989 li tiskadi fil-21/06/2014 kumpless ta' bini u l-art ta' madwara f'Haz Zebbug, Malta tal-kejl ta' circa 9307m.k indikata bl-ahmar fuq pjanta L.D.No: 61A/89;

Billi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli datat 29 ta' Novembru, 1995 il-Gvern ta' Malta kien ikkonceda a favur l-istess Foundation for the Rehabilitation of Drug Abusers b'titolu ta' enfitewsi temporanja dekorribbli mid-09/05/1995 li tiskadi fil-21/06/2014 kumpless ta' bini u bicca art kontigwa tal-kejl komplessiv ta' 2230m.k indikata bl-ahmar fuq pjanta L.D.No: 61B/89;

Billi skond dawn il-koncessjonijiet enfitewtici il-Foundation for the Rehabilitation of Drug Abusers kellha d-dritt li a xelta taghha tipproroga dawn il-koncessjonijiet enfitewtici temporanji (sakemm dawn ma jkunx gew terminati qabel) ghal zewg perjodi biss konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin (25) sena bl-istess kundizzjonijiet u dan permezz ta' ittra ufficcjali li tindika din l-intenzzjoni tal-istess Foundation mibghuta sitt (6) xhur qabel it-terminazzjoni ta' dawn il-koncessjoni u, f'kaz ta' perjodu sussegwenti, qabel it-terminazzjoni ta' dan il-perjodu; u

Billi l-Foundation for the Rehabilitation of Drug Abusers naqset milli tezercita dan id-dritt skont kif sripulat fl-atti hawn fuq imsemmija u issa l-imsemmija koncessjonijiet enfitewtici skadew; u

Billi sussegwentament il-Foundation for the Rehabilitation of Drug Abusers tablet lil Gvern ta' Malta koncessjoni enfitewtika gdida bl-istess pattijiet u kundizzjonijiet tal-koncessjonijiet enfitewtici li skadew; u

Billi hija l-politika tal-Gvern li jippromwovi attivitajiet socjali, ghalhekk il-Gvern qieghed jiddisponi b'titolu ta' enfitewsi temporanja a favur il-Foundation for the Rehabilitation of Drug Abusers ghal perjodu ta' hamsa u ghoxrin (25) sena b'effett mid-data tal-att tal-bicca art fil-limiti ta' San Blass f'Haz Zebbug, Malta, bil-benefikati/bini/miljoramenti fuqha kollha, bl-arja libera taghha/taghhom, tal-kejl ta' circa 11,618m.k *[dan il-kejl jinkorpora fih il-kejl tal-bicciet art li precendament kienu gew koncessi b'enfitewsi temporanja favur il-Foundation for the Rehabilitation of Drug Abusers]*, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha/taghhom, u liema art bil-benefikati/bini/miljoramenti fuqha tinsab murija delineata bl-ahmar fuq pjanta u survey sheet inserita fl-istess pjanta, indikata bhala P.D. No:61C_89, bid-dritt li a xelta tal-Foundation, li tipproroga din il-koncessjoni enfitewtika temporanja (sakemm din ma tkunx giet terminata qabel) ghal zewg perjodi biss konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin (25) sena bl-istess kundizzjonijiet u dan permezz ta' ittra ufficcjali li tindika din l-intenzjoni taghha mibghuta sitt (6) xhur qabel it-terminazzjoni ta' din il-koncessjoni u, f'kaz ta' perjodu sussegwenti, qabel it-terminazzjoni ta' dan il-perjodu; u

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 268), li proprjeta' li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skond rizoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment; u

Billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li proprjeta ossia bicca art fil-limiti ta' San Blass f'Haz Zebbug, Malta, bil-benefikati/bini/miljoramenti fuqha kollha, bl-arja libera taghha/taghhom, tal-kejl ta' circa 11,618m.k, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha/taghhom, u liema art bil-benefikati/bini/miljoramenti fuqha tinsab murija delineata bl-ahmar fuq pjanta u survey sheet inserita fl-istess pjanta, indikata bhala P.D. No:61C_89 tiġi mogħtija b'titolu ta' enfitewsi temporanja ghal perjodu ta' hamsa u ghoxrin (25) sena dekorribbli mid-data tal-att a favur il-Foundation for the Rehabilitation of Drug Abusers, għall-iskop u skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

SEGRETARJU PARLAMENTARI RESPONSABBLI MILL-IPPJANAR U SIMPLIFIKAZZJONI AMMINISTRATTIVA FL-UFFICCJU TAL-PRIM MINISTRU